MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 1005/2001/1

**Eugenio Briffa**

**Vs**

**Ceiling Systems Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundatata li thallas lill-istess attur is-somma ta' elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2,300) jew somma verjuri, bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ta' wiring u trunking ta' l-elettriku u tan-network ezegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru 2001 u tal-mandat ta' sekwestru numru

3458/01, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi qabel xejn l-attur ghandu jipprezenta kont dettaljat tax-xogholijiet li huwa ezegwixxa, l-post fejn, meta, u l-valur taghhom skond ir-rata miftiehma;
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi huwa thallas tax-xogholijiet li huwa kien gie kommissjonat jaghmel.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 66 u fol 69 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-ewwel eccezzjoni sottomessa mis-socjeta' konvenuta, jkun sufficjenti li ssir referenza ghall-statement dettaljat esebit mill-istess attur, flimkien max-xhieda permezz ta' 'affidavit' a fol 12 sa fol 23 tal-atti u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi konsiderata bhala sodisfatta b'mod esawrjenti.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu tal-istess kawza u it-tieni eccezzjoni sottomessa mis-socjeta konvenuta, l-attur permezz tal-imsemmi affidavit kif ukoll "viva voce" (fol 25 u fol 26 ibid), in kontroesami, qal illi x-xoghol in kwistjoni kien in konnessjoni ma' stallazzjoni ta' sistema ta' 'wiring' fl-iskejjel statali specifikati minnu. L-istess xoghol kien gie esegwit minnu fuq inkarigu moghti lilu mis-socjeta konvenuta bhala "sub contractor" meta kien ukoll, impjegat mal-istess socjeta konvenuta bhala 'foreman'. Difatti, b'referenza ghall-istess inkarigu moghti lilu matul is-sena 2000, hu specifika testwalment "Jiena kelli l-paga tieghu pero din ma kellha x'taqsam xejn max-xoghol in kwistjoni" u " Filfatt ix-xoghol in kwistjoni kelli naghmlu fil-

hin tieghi meta ma kontx inkun xoghol mas-socjeta konvenuta …" waqt li specifikatament eskluda li kien esegwixxa l-istess inkarigu ". fil-hinijiet tax-xoghol tieghi …" Eventwalment, hu kien ittermina l-impjieg tieghu mas-socjeta konvenuta minhabba li kien sab opportunita ohra ta' impjieg fl-Isptar imsemmi u wara din it-termizzajoni s-socjeta' konvenuta ma kienetx halsitu tax-xoghol esegwit hlief 'in parte'. Filfatt fl-imsemmi 'affidavit' jinghad u dan anke a basi tal-'statmenet' gja imsemmi illi l-valur u prezz totali tax-xoghol kollu kien jammonta ghal Lm4304.69,0 waqt li kien thallas akkont ta' Lm2000.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi s-socjeta' konvenuta in sostenn tat-tieni eccezzjoni, issottomettiet zewg 'affidavits' ta' <u>Josef Farrugia</u> (fol 31 et seq ibid) u ta' <u>Sergio Tanti</u> (Fol 46 et seq ibid kif ukoll 'viva voce' fol 58 u fol 61 ibid) flimkien ma diversi dokumenti konsistenti f'diversi 'payment slips', 'cheques' u dikjarazzjonijiet ta' bidu u tmiem ta' impieg. L-ewwel xhud spjega illi fis-sena 2000, kien minnu dak li xehed l-attur kif hemm fuq espost. Pero peress li x-xoghol kien miexi bil-mod, konsiderati d-'dead lines' imposti mill-Gvern meta s-socjeta konvenuta kienet inghatat it-'tender', is-sistema li l-attur jesegwixxi l-istess xoghol fil-hin liberu tieghu ma' setghetx titkompla u ghalhekk l-attur kien gie inkarigat sabiex jaghmel l-istess xoghol anke fil-hin tal-impieg tieghu kif ukoll wara l-hinijiet, liema sistema giet accettata minnu. Ghalhekk, l-attur, issa kien qed jithallas il-paga tieghu ".. u ghal dak li jaghmel wara l-hinijet tax-xoghol ahna nhallsuh separatament, wara li jitkejjel minn Sergio Tanti". Minhabba hekk, fl-2001 l-attur kien qed jithallas, in vista li kien impenjat 'full time' fuq ix-xoghol in kwistjoni il-paga' tieghu kull gimghatejn u in rigwad ix-xoghol li hu kien jkompli jaghmel fil-hin liberu tieghu, kien jithallas apparti skond il-kejl. Dwar dan, issir referenza ghall-'statements' esebiti u kif markati minn fejn jidher li l-attur kien thallas Lm176 netti kull gimaghtejn waqt li indikat permezz ta' "biro" jinsab l-ammont kollu mhallas inkluz ix-xoghol extra maghmul minnu fil-hin liberu (ara fol 33 sa fol 37 tal-atti). In rigward dan, ix-xhud qed jghid illi matul is-sena 2000, l-attur kien thallas Lm2000, kif xehed hu stess

waqt li matul is-sena 2001, hu kien irceva Lm957.52 in vista li fit-23 ta' Marzu 2001, hu kien ittermina l-impieg tieghu mas-socjeta konvenuta u x-xoghol kien tkompla "… b'nies ohrajn". Difatti l-attur ma kienx spicca x-xoghol kollu indikat fl-'statement" esebit minnu u li ghalih saret referenza 'supra' u skond ix-xhud, l-attur kellu jithallas skond l-istess statement "kieku kien ittermina x-xoghol in esami". Minhabba hekk, l-ammont mitlub fl-avviz ma kienx dovut. In rigward Sergio Tanti, dan xehed, testwalment meta muri d-dokumenti sottomessi mill-istess attur a fol 15 et tal-atti "Nikkonferma dan il-kejl kollu , sottomess fid-dokumenti, ghamiltu jiena persalment …. Nikkonferma, ukoll, li dan il-kejl kien jirreferi ghax-xoghol maghmul mill-attur' waqt li 'Il-kejl li ssottomettejt kellu jithallas a bazi tieghu, l-attur' (ara fol 59 u fol 60 ibid).

Ikkunsidrat

Illi a basi ta' dak premess din il-Qorti ghandha tiddeciedi, wara li jsir apprezzament tal-provi kif hawn fuq esposti, jekk l-attur ghandux jithallas l-ammont pretiz minnu fl-avviz jew jekk "huwa thallas tax-xogholijiet li huwa kien gie kummissjonat jaghmel" kif qed tallega s-socjeta konvenuta.

Illi mix-xhieda ta' Sergio Tanti jidher u jirrisulta illi dan "… fl-interess tal-kumpanija (konvenuta) kif gja spjegajt' (fol 46 'a tergo' tal-atti kien tkejjel ix-xoghol li sar fl-interess tal-istess kumpanija u da parti tal-attur. Meta muri d-dokumenti kollha sottomessi mill-attur mal-'affidavit' ta' dan a fol 15 et seq tal-atti hu xehed, testwalment "Nikkonferma dan il-kejl kollu, sottomess fid-dokumenti ghamiltu jiena personalment fil-lokalitaijiet indikati ….. Nikkonferma, wkoll, li dan il-kejl kien jirreferi ghax-xoghol maghmul mill-attur …." u "Il-kejl li ssottomettejt kellu jithallas a bazi tieghu, l-attur'. Ix-xhieda kif esposta, jidher ghalhekk evidenti illi l-attur kellu jithallas l-ammont kollu li gie kalkolat a basi tal-kejl maghmul minn dan ix-xhud, li kien qed jikkalkolah fl-interess tal-istess socjeta konvenuta. Inoltre, mill-istess provi jidher li ama jistax jkun hemm kontestazzjoni illi l-attur kien thallas ammont akkont u mhux a saldu ta' dak kollu dovut lill-istess attur.

Illi a basi ta’ dan, il-Qorti hi sodisfatta illi l-ammont pretiz fl-avviz ghadu dovut lill-attur, kif dan jsostni fl-istess ‘affidavit’ sottomess minnu (ara fol 14 ibid).

Illi. ghalhekk, it-talba atrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm2,300 bl-imghax legali mit-27 ta’ Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali ts-27 ta’ Novembru 2001.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------